# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 6**

**Rikors maħluf numru 682/2013 JRM**

**Rita Agius**

***v.***

**Nutar Joseph Vassallo Agius**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Diċembru 2014 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizz-joni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili mressqa mill-konvenut f'kawża li fetħet l-attriċi kontrieh għad-danni li tgħid li ġarrbet meta testment li taħtu hija kienet benfiċjarja nstab li ma jiswiex minħabba nuqqasijiet professjonali tal-konvenut li kien in-nutar li rċieva t-testment. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fid-9 ta' Ottubru 1997 il-konvenut, lli huwa nutar pubbliku, kien irċieva testment ta' ċertu Charles Pool. It-testment ġie insinwat fit-3 ta' Frar 2009. It-testatur kien ħalla lill-attriċi legat ta' immobbli.

3. Il-werrieta tat-testatur fetħu kawża[1] kontra l-attriċi biex jimpunjaw it-testment u b'sentenza mogħtija f'dik il-kawża fit-13 ta' Lulju 2012 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddikjarat in-nullità tat-testment minħabba nuqqas tal-firem fuqu ta' żewġ xhieda kif iridu l-artt. 655 u 672 tal-Kodiċi Ċivili. Dik is-sentenza iżda iddisponiet biss minn parti mill-meritu u għalhekk ma kinitx finali. Saret *res iudicata* meta, b'nota tas-27 ta' Ġunju 2018, l-atturi ċedew il-kawża billi ntlaħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet li kienu għadhom pendenti.

4. Wara li, b'ittra ġudizzjarja tal-14 ta' Ottubru 2011, għarrfet lill-konvenut li żżommu responsabbli għad-danni talli tilfet il-banefiċċju li kien imiss lilha likieku t-testment kien jiswa, l-attriċi mbagħad fil-15 ta' Lulju 2013 fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti wara li (i) ssib li kienu nuqqasijiet tal-konvenut li wasslu għan-nullità tat-testment u b'hekk il-konvenut huwa responsabbli għat-telf u għad-danni mġarrbin minnha minħabba f'hekk, (ii) tillikwida dawn id-danni u (iii) tikkundanna lill-konvenut iħallasha d-danni hekk likwidati

5. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

6. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

---

1 <u>Vanessa Pool *et v.* Rita Agius</u>, ċit. 461/2009.

»Illi din hija azzjoni dwar danni professjonali. L-attriċi trid li l-imħarrek jinsab responsabbli talli, minħabba nuqqas min-naħa tiegħu ta' tħaris tal-liġi, att nutarili (testment) li kien tqabbad jippubblika nstab li ma kienx jgħodd. Hija tgħid li, minħabba dak in-nuqqas, hija tilfet kulma kienet tħalliet taħt it-testment u, b'żieda ma' dan, ġarrbet danni minħabba pretensjonijiet li ressqu kontriha wlied it-testatur. Trid li l-imħarrek jagħmel tajjeb għal dak kollu li tilfet u għad-danni li ġarrbet;

»Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qal li dik l-azzjoni waqgħet biż-żmien preskrittiv tas-sentejn taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u dan billi l-ewwel darba li l-attriċi interpellatu b'att ġudizzjarju biex iżżommu responsabbli għad-danni kien fl-14 ta' Ottubru tal-2011 u jiġifieri xi erbatax-il sena wara li kien sar it-testment impunjat, u billi l-kawża nfetħet sentejn u għaxar xhur wara l-mewt tat-testatur. … … …;

»Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni jekk huwiex minnu li l-attriċi ressqet l-azzjoni tagħha wara li kien għalqilha ż-żmien li tagħtiha l-liġi;

»… … …

»Illi wara li sar tiftix fl-Arkivji Nutarili, ħareġ li d-dokument li Charles Pool kien iffirma quddiem l-imħarrek f'Ottubru tal-1997, baqa' ma ġiex insinwat sa qabel it-3 ta' Frar 2009, u, minbarra f'hekk, id-dokument oriġinali ma kienx iġib ukoll il-firem ta' żewġ xhieda, kif il-liġi titlob li għandu jsir f'kull testment pubbliku;

»… … …

»Illi fl-14 ta' Mejju 2009, ulied Charles Pool fetħu kawża kontra l-attriċi quddiem din il-qorti u, b'sentenza *in parte* mogħtija fit-13 ta' Lulju 2012, il-qorti sabet li t-testment li Charles Pool kien għamel fid-9 ta' Ottubru 1997, ma kienx jiswa;

»Illi, sadattant, l-attriċi kienet talbet is-sejħa fil-kawża tal-imħarrek, iżda l-qorti kienet ċaħdet dik it-talba b'degriet tal-10 ta' Marzu 2010;

»Illi wara li nstab li l-att li kien iffirma Charles Pool ma kienx iġib il-firem ta' xhieda, l-attriċi kellmet avukat u nżammet laqgħa bejnha u l-imħarrek (bil-preżenza tal-avukati tagħhom) f'Lulju tal-2009. Fl-14 ta' Ottubru 2011, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek fejn żammitu responsabbli għad-danni li ġarrbet u talbitu jersaq għal-likwidazzjoni tagħhom u l-ħlas lilha. L-imħarrek laqa' n-notifika tagħha fis-16 ta' Diċembru ta' dik is-sena;

»Illi fil-15 ta' Lulju 2013, l-attriċi fetħet din il-kawża;

»Illi dwar l-aspetti legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, minn dak li jidher mill-atti tal-kawża l-attriċi qiegħda tixli lill-imħarrek b'nuqqasijiet li, minħabba fihom, hija tilfet il-benefiċċji li setgħet tħalliet f'testment magħmul bosta snin qabel mewt it-testatur. Fi kliem ieħor, l-azzjoni tagħha hija waħda msejsa fuq il-ħtija;

»Illi fil-każ li l-qorti għandha quddiemha, l-imħarrek qajjem il-preskrizz-joni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Jidher li, għalkemm il-qofol kollu tal-azzjoni attriċi jitnissel mill-allegazzjoni tagħha li l-imħarrek, bħala nutar, wera nuqqasijiet fil-qadi tas-sejħa professjonali tiegħu, ma jistax jingħad li din l-azzjoni tagħha tista' tissejjes fuq ir-rabta kuntrattwali u dan għaliex in-nuqqasijiet

professjonali li hija tixlih bihom ma twettqux fil-qafas ta' xi prestazzjoni professjonali mitluba minnha. Hekk ukoll jidher li l-attriċi ma tikkontestax li l-perjodu tal-preskrizzjoni invokat mill-imħarrek ma huwiex dak li jgħodd għall-każ. Il-kontestazzjoni tal-attriċi dwar iż-żmien preskrittiv imqanqal mill-imħarrek hija dwar meta tabilħaqq beda għaddej dak iż-żmien u jekk, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jistax jingħad li kien laħaq għadda sakemm hija fetħet din il-kawża;

»… … …

»Illi l-imħarrek jargumenta li l-azzjoni mibdija mill-attriċi kienet waqgħet sa minn qabel ma nfetħet. Huwa jtenni dan billi jgħid li kienu laħqu għaddew mal-erbatax-il sena minn mindu kien magħmul it-testment sa dakinhar li l-attriċi ressqet l-ittra uffiċjali kontrih; li kienu għaddew mat-tliet snin mill-mewt tat-testatur sakemm l-attriċi ressqet l-imsemmi att ġudizzjarju; li kienu għaddew madwar erba' snin u nofs bejn il-mewt ta' Charles Pool u meta nfetħet il-kawża; u li kienu għaddew aktar minn sentejn minn meta nżammet laqgħa bejn il-partijiet (f'Lulju tal-2009) sakemm l-attriċi kienet ressqet l-ittra uffiċjali f'Ottubru tal-2011. Min-naħa tagħha, l-attriċi tisħaq li ż-żmien li fih hija setgħet tmexxi l-pretensjonijiet tagħha kontra l-imħarrek beda jgħodd biss minn dakinhar li din il-qorti tat is-sentenza li biha sabet li t-testment li kien għamel Charles Pool ma kienx jiswa, jiġifieri f'Lulju tal-2012, għaliex kien minn dakinhar li dak il-pronunċjament sar ġudikat li wieħed jista' jgħid li ġiet stabilita n-nullità tat-testment li kien sar. B'mod partikolari, hija tgħid li n-nuqqasijiet li saru fl-att li sar f'Ottubru tal-1997 ma kinux iġibu magħhom in-nullità assoluta ta' dak l-att, iżda kellha tkun is-sentenza li tiddikjara dak l-att bħala wieħed li ma jiswiex: għalhekk, tissottometti, l-artikolu 672 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddx. Hija ttenni għalhekk li s-sentejn żmien biex tipproċedi ma kinux laħqu għaddew u li kien biss mid-data tal-għoti ta' dik is-sentenza li ż-żmien beda għaddej u minn l-ebda żmien ieħor;

»Illi, tabilħaqq, minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrek hija waħda maħsuba li ttemm l-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Huwa meħtieġ li tali fatt jiġi stabilit b'mod konklussiv minn min jeċċepixxi l-preskrizzjoni, u f'każ li tali fatt ma jistax jiġi aċċertat jekk mhux b'diffikultà l-qorti għandha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qegħda tiddekorri l-preskrizzjoni … … …

»… … …

»Illi wara li qieset dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet legali kollha, il-qorti ssib li ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attriċi li l-jedd tagħha li taġixxi kontra l-imħarrek tnissel mal-għoti tas-sentenza li sabet li t-testment magħmul minn Charles Pool ma kienx jiswa. Jirriżulta li l-attriċi kienet ilha mill-2009 li saret taf li l-att li kien sar f'Ottubru tal-1997 ma kienx iġib il-firem taż-żewġ xhieda li setgħu kienu preżenti meta kien qed isir it-testment imsemmi. Minbarra dan, li kieku tabilħaqq iż-żmien tas-sentejn beda għaddej minn dakinhar tal-għoti tas-sentenza li ddikjarat in-nullità tal-istess testment (jiġifieri t-13 ta' Lulju, 2012), x'siwi seta' kellha l-ittra uffiċjali li l-attriċi bagħtet lill-imħarrek f'Ottubru tal-2011, jiġifieri madwar disa' xhur qabel l-għoti ta' dik is-sentenza u aktar minn sena u nofs wara li dik il-qorti kienet ċaħditilha t-talba tagħha li ssejjaħ fil-kawża lill-imħarrek? Mill-kliem

preċiż u speċifiku li jidher f'dak l-att ġudizzjarju, il-qorti tiġbed il-konklużjoni li l-mittenti (l-attriċi) kienet kategorika dwar il-qagħda legali li kienet seħħet sa dakinhar u li diġà ġarrbet id-danni minnha pretiżi bla ma kien għad hemm il-pronunċjament ġudizzjarju li llum tindika bħala ċ-ċirkostanza li b'riħietha beda għaddej iż-żmien preskrittiv kontriha. L-istess jista' jingħad għal-laqgħa li hija talbet li ssir mal-imħarrek u li nżammet f'Lulju tal-2009;

»Illi, min-naħa l-oħra, il-qorti lanqas ma tista' tilqa' l-argument tal-imħarrek li ż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej kontra l-attriċi minn dakinhar li sar l-att (jiġifieri f'Ottubru tal-1997) u lanqas dak minn dakinhar li Charles Pool ġie nieqes (għalkemm f'dan ir-rigward wieħed jista' jifhem li jekk kien hemm xi jeddijiet suċċessorji favur xiħadd, kien f'dak il-waqt li tnisslu dawk il-jeddijiet);

»Illi l-qorti, wara li qieset sewwa u fliet il-ġrajjiet u ċ-ċirkostanzi li jsawru dan il-każ, hija tal-fehma li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' sentejn beda għaddej mit-3 ta' Frar tal-2009, il-jum li fih l-imħarrek insinwa l-att li kien sar f'Ottubru tal-1997. Dan qiegħed jingħad għaliex kien minn dak il-ħin li l-imsemmi att kien sar aċċessibbli u sindakabbli. … … …

»Illi ngħad għadd ta' drabi mill-qrati tagħna li mhux kull xkiel jagħti lok għall-applikazzjoni tal-massima *contra non valentem agere non currit præscriptio*. Biex din ir-regola sseħħ, jeħtieġ jintwera (naturalment, minn min jallega li ma setax jaġixxi qabel) li l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun waħda indipendenti mir-rieda tiegħu, dovuta għal kawża 'l barra minnu liema kawża ma setax iwarrab. Fil-każ preżenti, l-attriċi ma setgħet qatt tmexxi 'l quddiem il-pretensjonijiet tagħha jekk mhux minn meta t-testment (ladarba huwa wieħed pubbliku) kien insinwat fir-Reġistru Pubbliku, iżda minn dak inhar 'il quddiem (ladarba dik l-insinwa saret wara li t-testatur kien diġà miet) ma kien hemm l-ebda skuża li ma tkunx taf x'ġara tabilħaqq, bħalma ntebħu wlied l-istess testatur kważi minnufih. Mill-provi mressqa s'issa fil-kawża, jidher li l-attriċi ntebħet matul l-2009 stess x'sata' kien ġara u dan ukoll jekk kellha titlob l-għajnuna u tingħata l-parir ta' avukat;

»Illi wkoll kieku wieħed kellu jgħid li ż-żmien tal-preskrizzjoni kellu jintrabat ma' interpellazzjoni ġudizzjarja, wieħed kien jasal għall-istess fehma. Hawnhekk, l-imħarrek jidher li għandu raġun meta jgħid li bejn meta saret il-laqgħa (f'Lulju tal-2009) u meta intbagħtet l-ittra uffiċjali (u hu laqa' n-notifika tagħha f'Diċembru tal-2011) kien għadda żmien li kien jaqbeż is-sentejn. Huwa minnu li bejn meta tressqet l-ittra uffiċjali sa ma nbdiet il-kawża ma kienx laħaq għadda ż-żmien ta' sentejn, iżda sakemm ma kienx hemm xi ċirkostanza li biha ż-żmien tal-preskrizzjoni twaqqaf, is-sentejn kienu laħqu skadew qabel dakinhar li nfetħet il-kawża;

»Illi matul is-smigħ tal-provi fil-qafas tat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni taħt eżami, l-attriċi ipprovat turi li l-imħarrek kien, b'xi mod, għaraf ir-responsabbiltà tiegħu lejha u li, b'dan il-mod, kien waqqaf il-mixja taż-żmien tal-preskrizzjoni għaddej kontriha. L-imħarrek baqa' jiċħad li huwa qatt stqarr magħha xi ħtija min-naħa tiegħu f'xi waqt jew f'xi ċirkostanza;

»Illi huwa minnu li l-liġi tagħraf ukoll li l-preskrizzjoni tinkiser bl-għarfien tal-jedd innifsu min-naħa tad-debitur. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv, u hekk huwa l-każ fejn l-għarfien tal-

jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress jew miktub, għalkemm tali għarfien għandu jitfisser b'mod restrittiv. Imma l-għarfien li l-liġi tagħraf bħala siewi biex iwaqqaf iż-żmien preskrittiv irid ikun wieħed volontarju, esterjuri, nieqes minn kull ekwivoċità u konxju u li dawn l-elementi jinġabru flimkien;

»Illi l-attriċi tisħaq li kienu saru xi trattattivi bejnha u l-imħarrek (fil-preżenza tal-avukati rispettivi) li matulhom l-imħarrek kien saħansitra għamel offerta materjali li hija qieset mhux aċċettabbli. B'dik l-offerta, hija tqis li l-imħarrek kien stqarr magħha l-ħtija tiegħu u ntrabat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li setgħet ġarrbet;

»Illi huwa aċċettat li l-prova li tabilħaqq debitur ikun wettaq xi għemil li bih jista' jingħad li stqarr id-dejn jew l-obbligazzjoni tiegħu trid issir minn min jallega din l-istqarrija. Fil-qafas ta' eċċezzjoni ta' preskrizz-joni, il-prova li ż-żmien kien imwaqqaf taqa' fuq il-parti attriċi, li tkun qiegħda tissielet kontra eċċezzjoni bħal dik. F'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil ta' provi dwar dan l-allegat ksur, il-konsegwenza tmur favur min ikun qanqal il-preskrizzjoni u mhux kontra min qed jgħid li din tkun twaqqfet, għaliex filwaqt li ż-żmien tal-preskrizzjoni huwa wieħed determinat u determinabbli, l-ksur tiegħu huwa wieħed li jitlob prova tajba biżżejjed;

»Illi, minbarra dan, ukoll kieku l-attriċi setgħet ingħatat x'tifhem li l-imħarrek kien għamlilha xi offerta, din waħedha ma sservix biex tissarraf f'rinunzja għaż-żmien preskrittiv, għaliex huwa magħruf u aċċettat li offerta li ssir waqt proċess ta' transazzjoni jew imressqa mingħajr preġudizzju ma ġġibx dak il-ksur tal-mixja taż-żmien pre-skrittiv. U lanqas ma ġġib magħha ksur taż-żmien preskrittiv l-aċċett-azzjoni tal-parti debitriċi li tkun disposta li tingħata tagħrif jew li tiltaqa' mal-parti l-oħra bil-għan li tisma' x'ikunu l-pretensjonijiet ta' din jew li tagħti aktar tagħrif jew dawl dwarhom;

»Illi minn dan kollu joħroġ li, fil-fatt, l-imħarrek ma għamel xejn li bih jista' jingħad li huwa b'xi mod irrinunzja għaż-żmien preskrittiv li kien għaddej favurih. Joħroġ ukoll li l-attriċi naqset li tressaq il-kawża tagħha fiż-żmien li kienet tagħtiha l-liġi. Għalhekk, l-eċċezzjoni hija tajba u l-qorti sejra tilqagħha;

»Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

»• tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek, u ssib li l-attriċi naqset li tressaq il-kawża fi żmien utli għaliha; u

»• teħles lill-imħarrek milli jibqa' iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attriċi. «

7. L-attriċi appellat b'rikors tat-30 ta' Diċembru 2014 li għalih il-konvenut wieġeb fid-9 ta' Frar 2015.

8. L-aggravji tal-appell huma tnejn. L-ewwel aggravju huwa illi l-konvenut b'għemilu kiser il-preskrizzjoni u t-tieni aggravju huwa illi ż-żmien tal-preskrizzjoni kellu jibda jgħaddi mhux minn dakinhar li t-testment ġie

insinwat, kif qalet l-ewwel qorti, iżda minn dakinhar li d-dikjarazzjoni ġudizzjarja tan-nullità saret *res iudicata* għax "testment pubblikat minn nutar pubbliku jeżisti formalment bħala att pubbliku, u huwa validu sakemm ma jiġix dikjarat null b'sentenza ta' qorti kompetenti li tgħaddi f'ġudikat".

9. L-ewwel aggravju huwa illi l-konvenut b'għemilu kiser il-preskrizzjoni. L-attriċi tgħid illi l-konvenut ammetta r-responsabilità tiegħu tant li offra li jħallasha kumpens għal dak li tilfet minħabba n-nullità tat-testment; kompliet fissret dan l-aggravju hekk:

> »Mistoqsi jekk kienx għamel offerta ta' ħlas lill-esponenti, in-nutar appellat, filwaqt li ammetta li l-esponenti ippretendiet ħlas mingħandu, iddikjara li "aħna dejjem argumentajna li ma kien hemm xejn dovut … [għaliex] il-passiv kien jeċċedi l-attiv fil-wirt, u ma tistax tħallas legat mill-fondi personali jekk ikun hemm rinunzja, *and that was the situation*: hi ma kienet ħa tieħu xejn, dik hija l-verità". Mill-bqija, in-nutar appellat caħad li kien għamel offerta ta' ħlas għas-saldu lill-esponenti. Nesa wkoll kemm-il laqgħa kienet saret b'tentativ ta' soluzzjoni bonarja.«

10. Biex issaħħaħ l-argument tagħha l-attriċi ippreżentat ukoll kopja ta' ittra elettronika bid-data tad-29 ta' April 2009 mibgħuta lill-avukat tagħha mill-avukat tal-konvenut fejn jingħad illi "l-klijenta tiegħek tista', potenzjalment, għandha xi drittijiet kontra l-klijent tiegħi …".

11. Il-qorti tibda billi tgħid illi ma hijiex sejra tqis din l-ittra kemm għax hija dokument li seta' nġieb quddiem qorti tal-ewwel grad u ma ntweriet ebda raġuni tajba għala nġieb f'dan l-istadju, quddiem qorti ta' reviżjoni li bħala regola ma tqisx provi ġodda, kif ukoll għax l-ittra ntbagħtet espressament "bla preġudizzju" u għalhekk lanqas quddiem qorti tal-ewwel grad ma kellha tinġieb. Barra minn hekk, is-silta

miġjuba fuq kienet "għall-grazzja tal-argument biss" u ma tistax titqies bħala ammissjoni.

12. Dwar in-negozjati li għaddew bejn il-partijiet qabel saret il-kawża bi ħsieb ta' transazzjoni, dawn ukoll, kif qalet l-ewwel qorti, isiru bla preġudizzju. Il-ħsieb tal-liġi hu li tiffavorixxi s-soluzzjoni bonarja ta' litiġji, u għalhekk trid illi trattativi ta' transazzjoni jsiru liberament, biex kull parti tkun ħielsa li tagħmel offerta li tista' twassal għal ftehim bla ma tkun marbuta biha sakemm ma tiġix aċċettata, u mingħajr il-biża' li tintuża kontra tagħha jekk it-trattativi ma jwasslux għal ftehim.

13. Dwar dak li xehed il-konvenut, *viz.* illi "ma kien hemm xejn dovut … [għaliex] il-passiv kien jeċċedi l-attiv fil-wirt", dan jista' forsi jitqies ammissjoni ta' ħtija, ladarba qiegħed igħid illi l-attriċi ma għandha tieħu xejn mingħandu, mhux għax ma jaħtix għan-nullità tal-kuntratt, iżda għax l-attriċi ma tilfet xejn b'konsegwenza tan-nuqqas tiegħu. Madankollu, din ma hijiex stqarrija li l-konvenut jagħraf li hu debitur tal-attriċi u għalhekk ma tiswiex biex tikser il-preskrizzjoni.

14. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi "l-għarfien li l-liġi tagħraf bħala siewi biex iwaqqaf iż-żmien preskrittiv irid ikun wieħed volontarju, esterjuri, nieqes minn kull ekwivoċità u konxju u li dawn l-elementi jinġabru flimkien", u, meqjus dan kollu, ma tarax li hemm raġunijiet validi għala għandha taqleb l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. Fit-tieni aggravju l-attriċi tgħid illi ż-żmien ta' preskrizzjoni ma bediex igħaddi minn dakinhar li t-testment ġie insinwat iżda minn dakinhar li d-dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' nullità tat-testment saret finali:

> »… … … il-preskrizzjoni tal-azzjoni tagħha ma tibdiex tgħaddi qabel ma d-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment ta' Charles Pool pubblikat min-nutar appellat fis-7 ta' Ottubru 1997 bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet Nutar Vanessa Pool *et v.* Rita Agius tgħaddi f'ġudikat.«

16. Il-konvenut iwieġeb illi testment bla xhieda ma huwiex biss annullabbli iżda null *ab initio* u għalhekk:

> »… … … it-testment huwa oġġettivament u fattwalment "null" u mhux "annullabbli" u kwindi allura jsegwi li ħadd ma jista' jipprova jgħid li … t-testment huwa validu sakemm ma jiġix dikjarat null. Mhux annullabbli, iżda huwa null. Mela allura la huwa null ma hemm bżonn tal-ebda awtorità inkluż, bir-rispett kollu, dik ġudizzjarja li tiddikkjara l-att bħala li huwa null.«

17. Il-kwistjoni ma hijiex jekk it-testment huwiex null jew annullabbli, kif igħid il-konvenut, iżda jekk huwiex null jew ineżistenti. Jekk huwa ineżistenti – bħal meta jsir trasferiment ta' immobbli b'kitba privata – ma hija meħtieġa ebda dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-att pubbliku ma jeżistix, għax ma tistax tħassar dak li qatt ma sar, iżda jekk l-att jeżisti iżda huwa null id-dikjarazzjoni ġudizzjarja hija meħtieġa u, għalkemm l-effett tad-dikjarazzjoni ta' nullità jkun *ex tunc*, sakemm ma hemmx dik id-dikjarazzjoni l-att ikun jiswa u jipproduċi l-effetti tiegħu.

18. Fil-każ tallum it-testment riċevut minn nutar pubbliku u insinwat fir-Reġistru Pubbliku ma jistax jingħad li huwa ineżistenti. Tiftix fir-Reġistru Pubbliku juri l-eżistenza tiegħu. Huwa null għax nieqes minn element essenzjali għall-validità tiegħu, iżda sakemm ma hemmx id-dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' dik in-nullità jibqa' jiswa. Il-fatt li l-eżitu tal-

azzjoni ta' nullità jista' jkun prevedibbli ma jfissirx illi dik l-azzjoni ma tibqax meħtieġa biex tiġi stabilita n-nullità.

19. Il-kwistjoni għalhekk hija meta kien li s-sentenza li iddikjarat in-nullità tat-testment saret finali.

20. B'nota tas-26 ta' Lulju 2018 il-konvenut ippreżenta kopja ta' nota ta' ċessjoni tal-kawża li fiha kienet ingħatat id-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment. Iċ-ċessjoni seħħet – u għalhekk is-sentenza saret finali – fis-27 ta' Ġunju 2018. L-attriċi, ironikament, b'rikors tal-4 ta' Settembru 2018 oġġezzjonat għall-produzzjoni tal-kopja tan-nota billi saret wara l-għeluq tal-proċeduri bil-miktub tal-appell. Jingħad "ironikament" għax fil-fatt il-preżentata tan-nota ta' ċessjoni issaħħaħ l-argument tal-attriċi, għar-raġunijiet li sejrin jingħataw aktar 'il quddiem.

21. Għalkemm huwa minnu illi ma setgħux, mingħajr il-permess tal-qorti, jinġiebu dokumenti ġodda wara l-għeluq tal-proċeduri bil-miktub, ma kienx meħtieġ li tinġieb il-kopja ta' att ġudizzjarju biex il-qorti tqisu, ladarba dak l-att ikun fost l-atti tal-qorti stess. Barra minn hekk, likieku ma titqiesx in-nota ta' ċessjoni, dan kien ifisser illi l-qorti kien ikollha tgħid illi l-kawża għadha pendenti u s-sentenza mogħtija fiha fit-13 ta' Lulju 2012 għadha ma saritx finali.

22. Mela d-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment saret finali fis-27 ta' Ġunju 2018, meta l-atturi ċedew il-kawża, jew, aħjar, ċedew it-talbiet li dwarhom ma kinitx għadha ngħatat sentenza. Il-konsegwenza hi illi, ladarba t-testment baqa' jitqies validu sakemm, bis-sentenza li saret finali fis-27 ta' Ġunju 2018, ġiet dikjarata n-nullità tiegħu, iż-żmien tal-

preskrizzjoni għal azzjoni ta' danni mġarrba b'konsegwenza ta' dik in-nullità ma bediex igħaddi ħlief minn dakinhar. Fil-fatt l-azzjoni tallum, mibdija fil-15 ta' Lulju 2013, inbdiet intempestivament[2] għalkemm issa hija sanata bil-*ius superveniens*, għax kien biss mis-27 ta' Ġunju 2018 li seħħew il-kondizzjonijiet biex setgħet tinbeda tempestivament u meta, għalhekk, bdiet għaddejja l-preskrizzjoni, kif igħid u jrid l-art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili.

23. Għalhekk għandha raġun l-attriċi tgħid illi ż-żmien ta' preskrizzjoni ma bediex igħaddi minn dakinhar li t-testment ġie insinwat iżda minn dakinhar li d-dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' nullità tat-testment saret finali. Billi, bejn dakinhar u meta nfetħet il-kawża, ma għaddewx sentejn għall-għanijiet tal-preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, dan l-aggravju għandu jintlaqa'.

24. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallashom il-konvenut.

25. Billi l-aggravju dwar ksur tal-preskrizzjoni ma ntlaqax, huwa xieraq li l-attriċi tħallas sehem mill-ispejjeż tal-appell. Il-qorti għalhekk tordna li dawn l-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) tħallsu l-attriċi u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallashom il-konvenut.

---

[2] Fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża jingħad illi "b'sentenza fl-ismijiet <u>In-Nutar Vanessa Pool u Roberto Pool *v.* Rita Agius</u> moghtija fit-13 ta' Lulju 2012, li għaddiet in ġudikat, din il-qorti ddikjarat li l-imsemmi testment ta' Charles Pool pubblikat min-nutar intimat Joseph Vassallo Agius fid-9 t'Ottubru 1997 huwa null u bla effett… … …". Fil-fatt iżda s-sentenza ma kinitx għadha finali għax ma iddisponietx mit-talbiet kollha, u għalhekk kien għad jista' jsir appell minnha flimkien ma' appell mis-sentenza finali taħt l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

26. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm